31989L0594

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Ottubru 1989

li temenda d-Direttivi 75/362/KEE, 77/452/KEE, 78/686/KEE, 78/1026/KEE u 80/154/KEE dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala tobba, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, dentisti prattikanti, kirurgi veterinarji u qwiebel, flimkien mad-Direttivi 75/363/KEE, 78/1027/KEE u 80/155/KEE li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattivi li jirrelataw għall-attivitajiet ta' tobba, kirurgi veterinarji u qwiebel

(89/594/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 49, 57 (1) u (2), l-ewwel u t-tielet sentenzi, u 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi għandhom isiru ċerti emendi tekniċi lid-Direttivi 75/362/KEE ([4]), 77/452/KEE ([5]), 78/686/KEE ([6]), 78/1026/KEE ([7]) 0 u 80/154/KEE ([8]), kif l-aħħar emendati bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall, li jikkonċernaw ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala tobba, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, prattikanti dentisti, kirurgi veterinarji u qwiebel, u lid-Direttiva tal-Kunsill 75/363/KEE ([9]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 82/76/KEE ([10]), u d-Direttivi 78/1027/KEE ([11]) u 80/155/KEE ([12]), li tikkonċerna l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet tat-tobba, kirurgi veterinarji u qwiebel, rispettivament, sabiex jittieħed kont b'mod partikolari tal-bidliet fit-titoli ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali f'dawn il-professjonijiet jew fin-nomina ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi, kif ukoll ta' l-istabbiliment ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda jew tal-waqfien ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet preċedenti li seħħu f'xi Stati Membri;

Billi huwa neċessarju li jiġu protetti fuq livell Komunitarju d-drittijiet akkwistati mid-detenturi tal-kwalifiki preċedenti li m'għadhomx jingħataw bħala riżultat tal-bidliet ta' hawn fuq li seħħu fir-regoli ta' l-Istat Membru li tahom il-kwalifika u biex jiġu ssupplimentati d-Direttivi msemmija meta neċessarju f'dan ir-rigward b'dispożizzjonijiet approprjati;

Billi ta' min jiġi provdut, għall-raġunijiet ta' ekwità, għal miżuri transitorji għal ċerti detenturi ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju u qabla

([1]) ĠU C 353, tat-30.12.1987, p. 17, u ĠU C 322, tal-15.12.1988, p. 22.
([2]) ĠU C 235, tat-12.9.1988, p. 67, u ĠU C 256, tal-9.10.1989.
([3]) ĠU C 134, ta' l-24.5.1988, p. 29.
([4]) ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 1.
([5]) ĠU L 176, tal-15.7.1977, p. 1.
([6]) ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 1.
([7]) ĠU L 362, tat-23.12.1978, p. 1.
([8]) ĠU L 33, tal-11.2.1980, p. 1
([9]) ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 14.
([10]) ĠU L 43, tal-15.2.1982, p. 21.
([11]) ĠU L 362, tat-23.12.1978, p. 7.
([12]) ĠU L 33, tal-11.2.1982, p. 8.

mogħtijamir-Repubblika ta' l-Italja u r-Renju ta' Spanjarispettivament wara taħriġ li ma jikkonformax kompletament mad-Direttivi 78/1027/KEE u 80/155/KEE,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU 1

Emendi li jirrelataw għad-Direttivi 75/362/KEE u 75/363/KEE (ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-mediċina u koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva li jirrelataw għall-attivitajiet ta' tobba)

L-Artikolu 1

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 75/362/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt l-intestatura (a) "fil-Ġermanja":

— il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. iċ-ċertifikat ta' kontroll ta' l-Istat fil-mediċina mogħti mill-awtoritajiet kompetenti wara t-30 ta' Ġunju 1988 u ċ-ċertifikat li jattesta għall-prattika tal-mediċina matul perjodu ta' taħriġ prattiku ('Arzt im Praktikum');",

— il-punt 2 isir il-punt 3, u "dawk elenkati fil-punt 1 fuq;" jinbidel b' "dawk elenkati fil-punti 1 u 2;"

2. (f) "fl-Italja" jinbidel bi:

"(f) *fl-Italja*:

' diploma di laurea in medicina e chirurgia' (diploma ta' gradwat fil-mediċina u fil-kirurġija) mogħtija minn università, akkumpanjata minn ' diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia' (diploma li tagħti d-dritt li wieħed jipprattika l-mediċina u l-kirurġij) mogħtija mill-Kummissjoni ta' Kontroll ta' l-Istat;"

3. (j) "fil-Greċja" tinbidel bi:

"(j) *fil-Greċja*:

' Πτυχίο Ιατρικής' (lawrea fil-mediċina) mogħtija minn:

— il-fakultà tal-mediċina ta' università, jew

— il-fakultà tax-xjenzi tas-saħħa, id-dipartiment tal-mediċina, ta' università;"

4. (k) "fi Spanja" tinbidel bi:

"(k) *fi Spanja*:

' Título di Licenciado en Medicina y Cirugía' (lawrea universitarja fil-mediċina u l-kirurġija) mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza jew mir-rettur ta' università;".

L-Artikolu 2

L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 75/362/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. it-test li jikkonċerna l-Belġju jinbidel bi:

" *fil-Belġju*:

' Le titre d'agrégation en qualité de médecin spécialiste erkenningstitel van geneesheer specialist;' (prova formali li kkwalifika bħala speċjalista mediku) maħruġa mill-Ministeru responsabbli għas-saħħa pubblika"

2. taħt "fi Franza", l-inċiż li ġej jiżdied:

"— ' le diplôme d'études spécialisées de médecine délivré par les universités' (diploma ta' studji speċjaliżżati fil-mediċina mogħtija minn università);"

3. taħt "fl-Olanda", it-test huwa emendat kif ġej:

— it-test eżistenti jsir l-ewwel inċiż;

— l-inċiż li ġej jiżdied:

"— ' Het door de Sociaal-Geneeskundigen Registratie-Comissie (SGRC) afgegeven getuigschrift van erkenning en inschrijving in het Register von Sociaal-Geneeskundigen' (ċertifikat ta' approvazzjoni u reġistrazzjoni maħruġ mill-bord tar-reġistrazzjoni tat-tobba tal-mediċina soċjali);"

4. it-test li jikkonċerna l-Greċja jinbidel bi:

" *fil-Greċja*:

Τίτλος Ιατρικής ειδικότητας χορηγούμενος από τις Νομαρχίες' (ċertifikat ta' speċjalizzazzjoni medika) mogħti mill-prefetturi;".

L-Artikolu 3

L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 75/362/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt "loppji" :

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza hija sostitwita bi:

"Franza: anesthésiologie-réanimation chirurgicale,"

— is-subintestatura li tirrelata għall-Olanda tinbidel bi:

"L-Olanda: anesthesiologie";

2. taħt "kirurġija ġenerali" :

— is-subintestatura li tirrelata għal Spanja tinbidel bi:

"Spanja: cirurgía general y del aparato digestivo;"

3. taħt "oftalmoloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għall-Belġju tinbidel bi:

"il-Belġju: opthalmologie oftalmologie";

4. taħt "mediċina respiratorja":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: pneumologie";

— is-subintestatura li tirrelata għall-Olanda tinbidel bi:

"L-Olanda: longziekten en tuberculose";

5. taħt "uroloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: chirurgie urologique";

6. taħt "ortopedija":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: chirurgie orthopédique et traumatologie";

7. l-intestaturi li ġejjin jiżdiedu:

"— *anatomija patoloġika*

Il-Ġermanja:	Pathologie
Il-Belġju:	anatomie pathologique pathologische anatomie
Id-Danimarka:	patologisk anatomi og histologi eller vaevsundersoegelse
Franza:	anatomie et cythologie pathologique
l-Irlanda:	morbid anatomy and histopathology
l-Italja:	anatomia patologica
Il-Lussemburgu:	anatomie pathologique
L-Olanda:	pathologische anatomie
Ir-Renju Unit:	morbid anatomy and histopathology
Il-Greċja:	παθολογικη ανατομικη
Spanja:	anatomía patológica
Il-Portugall:	anatomia patológica

— *newroloġija*

Il-Ġermanja:	Neurologie
Il-Belġju:	neurologie neurologie
Id-Danimarka:	neuromedicin eller medicinske nervesygdomme
Franza:	neurologie
L-Irlanda:	neurology
L-Italja:	neurologia
Il-Lussemburgu:	neurologie
L-Olanda:	neurologie
Ir-Renju Unit:	neurology
Il-Greċja:	Νευρολογία
Spanja:	neurología
Il-Portugall:	neurologia;

— *psikjatrija*

Il-Ġermanja:	Psychiatrie
Il-Belġju:	psychiatrie psychiatrie
Id-Danimarka:	psykiatri
Franza:	psychiatrie
L-Irlanda:	psychiatry
L-Italja:	psichiatria
Il-Lussemburgu:	psychiatrie
L-Olanda:	psychiatrie
Ir-Renju Unit:	psychiatry
Il-Greċja:	ψυχιατρικη
Spanja:	psiquiatría
Il-Portugall:	psiquiatria."

L-Artikolu 4

L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 75/362/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt "ematoloġija bijoloġika":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: hématologie",

— fil-versjonijiet tal-lingwi kollha barra dak Franċiż u Portuġiż, is-subintestatura li tirrelata għal Spanja hija mħassra;

2. "anatomija patoloġika" hija mħassra;

3. taħt "kirurġija plastika":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: chirurgie plastique, reconstructrice et esthéthique";

4. taħt "kirurġija toraċika":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: chirurgie thoracique et cardio-vasculaire";

5. taħt "kirurġija pedjatrika":

— is-subintestatura li ġejja li tirrelata għal Franza hija inserita:

"Franza: chirurgie infantile";

6. taħt "kirurġija vaskulari":

— "fil-versjoni tal-lingwa Olandiża t-titolu ta' l-intestatura jinbidel b chirurgie van bloedvaten",

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: chirurgie vasculaire,"

— is-subintestatura li tirrelata għall-Italja tinbidel bi:

"L-Italja: chirurgia vascolare;"

7. taħt "kardjoloġija", is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: pathologie cardio-vasculaire;"

8. taħt "gastro-enteroloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: gastro-entérologie et hépatologie,"

— is-subintestatura li tirrelata għall-Lussemburgu tinbidel bi:

"Il-Lussemburgu: gastro-entérologie",

— is-subintestatura li tirrelata għall-Olanda tinbidel bi:

"L-Olanda: gastro-enterologie",

— is-subintestatura li tirrelata għall-Greċja tinbidel bi:

"Il-Greċja: γαστρεντεολογία";

9. taħt "rewmatoloġija":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Id-Danimarka: reumatologi";

10. taħt "endokrinoloġija":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: endocrinologie — maladies métaboliques,"

— is-subintestatura li tirrelata għall-Lussemburgu tinbidel bi:

"Il-Lussemburgu: endocrinologie, maladies du métabolisme et de la nutrition;"

11. taħt "fisjoterapija":

— is-subintestatura li tirrelata għall-Greċja tinbidel bi:

"Il-Greċja: ψυσικη ιατρικη και αποκατασταση;"

12. "newroloġija" u "psikjatrija" huma mħassra;

13. taħt "newro-psikjatrija" is-subintestatura li tirrelata għall-Greċja hija sostitwita b'

"Il-Greċja: νευρολογια-ψυχιατρικη;".

14. taħt "dermato-venereoloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza hija sostitiwta bi:

"Franza: dermatologie et vénéréologie,"

— is-subintestatura li tirrelata għall-Olanda tinbidel bi:

"L-Olanda: dermatologie en venerologie";

15. taħt "radjoloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Franza: électro-radiologie";

16. taħt "radjoloġija djanjostika":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Il-Ġermanja: Radiologische Diagnostik,"

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza tinbidel bi:

"Radiologische Diagnostik, radiodiagnostic et imagerie médicale;"

17. taħt "radjoterapija":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Il-Ġermanja: Strahlentherapie",

— is-subintestatura li tirrelata għal Franza hija sostitiwta bi:

"Franza: oncologie, option radiothérapie;"

18. taħt "mediċina tropikali":

— is-subintestatura "Il-Belġju: médecine tropicale tropische geneeskunde" hija mħassra;

19. taħt "psikjatrija tat-tfal":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"L-Irlanda: child and adolescent psychiatry;"

20. taħt "ġerjatrija":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"L-Olanda: klinische geriatrie;"

21. taħt "mard renali":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: néphrologie",

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Il-Lussemburgu: néphrologie";

22. taħt "mediċina Komunitarja":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: santé publique et médecine sociale;"

23. "mediċina tax-xogħol" hija emendata kif ġej:

(a) it-titolu, ħlief fil-versjoni tal-lingwa Ingliża, huwa emendat kif ġej:

— versjoni tal-lingwa Daniża "arbejdsmedicin"

— versjoni tal-lingwa Ġermaniża "Arbeitsmedizin"

— versjoni tal-lingwa Griega: "ιατρικη της εργασιας"

— versjoni tal-lingwa Spanjola: "medicina del trabajo"

— versjoni tal-lingwa Franċiża: "médecine du travail"

— versjoni tal-lingwa Taljana: "medicina del lavoro"

— versjoni tal-lingwa Olandiża: "arbeidsgeneeskunde"

— versjoni tal-lingwa Portuġiża: "medicina do trabalho";

(b) is-subintestaturi li ġejjin jiddaħħlu:

"Il-Ġermanja: Arbeitsmedizin"
"Id-Danimarka: samfundsmedicin/arbejdsmedecin"
"Franza: médecine du travail"
"L-Italja: medicina del lavoro;"
"L-Olanda: arbeids- en bedrijfsgeneeskunde"
"Il-Greċja: ιατρικη της εργασιας"
"Il-Portugall: medicina do trabalho"

24. taħt "allergoloġija":

— is-subintestatura li tirrelata għall-Greċja tinbidel bi:

"Il-Greċja: αλλεργολογια".

25. taħt "kirurġija gastro-enteroloġika":

— is-subintestatura li ġejja hija inserita:

"Franza: chirurgie viscérale;"

26. l-intestaturi li ġejjin jiżdiedu:

"*mediċina nukleari*:

Il-Ġermanja: Nuklearmedizin

Il-Belġju: médecine nucléaire nucleaire geneeskunde

Franza: médecine nucléaire

L-Italja: medicina nucleare

L-Olanda: nucleaire geneeskunde

Ir-Renju Unit: nuclear medicine

Il-Greċja: πυρηνικὴ ιατρικὴ

Spanja: medicina nuclear

Il-Portugall: medicina nuclear;

kurirġija maxillo tal-wiċċ (taħriġ mediku bażiku):

Franza: chirurgie maxillo-faciale et stomatologie

l-Italja: chirurgia maxillo-facciale

Spanja: cirugía oral y maxilofacial;

kirurġija dentali, orali u maxillo tal-wiċċ (taħriġ mediku u dentali bażiku):

Il-Ġermanja: Zahn-, Mund-, Kiefer- und Gesichtschirurgie

Il-Belġju: stomatologie/chirurgie orale et maxillo-faciale, stomatologie/orale en maxillo-faciale chirurgie

L-Irlanda: oral and maxillo-facial surgery

Ir-Renju Unit: oral and maxillo-facial surgery."

L-Artikolu 5

L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 75/362/KEE jinbidel bi:

"3. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhom ta' kwalifiki formali fil-mediċina jew fil-mediċina speċjalizzata li mhumiex konformi mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3, 5 u 7, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fil-mediċina u fil-mediċina speċjalizzata ngħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 75/363/KEE, imsemmija, kif approprjat, fl-Artikolu 2, 4 jew 6 tad-Direttiva preżenti, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala l-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti, kif approprjat, fl-Artikolu 3, 5 jew 7 tad-Direttiva preżenti."

L-Artikolu 6

L-Artikolu 2 tad-Direttiva 75/363/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— id-dispożizzjoni li ġejja hija miżjuda mal-paragrafu 1(a): "it-taħriġ li jwassal għall-għoti ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' speċjalizzazzjoni fil-kirurġija dentali, orali jew maxillo tal-wiċċ (taħriġ mediku u dentali bażiku) tinkludi wkoll il-kompletazzjoni b'suċċess tal-kors ta' taħriġ bħala prattikant dentist imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE([1]);",

— in-nota tal-qiegħ tal-paġna li ġejja hija miżjuda:,

"([1]). ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 10.",

— id-dispożizzjoni li ġejja hija miżjuda mal-paragrafu 2:

"Il-ħruġ tad-diploma, iċ-ċertifikat jew prova oħra ta' speċjalizzazzjoni fil-kirurġija dentali, orali jew maxillo tal-wiċċ (taħriġ

mediku udentali bażiku) huwa wkoll suġġett għall-pussess ta'waħda mid-diplomi, iċ-ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki bħala prattikant dentist imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.",

— il-paragrafu 3 jinbidel bi:

"3. Fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 9, l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex joħorġu d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafu 1."

L-Artikolu 7

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu ma' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/363/KEE fl-aħħar ta' l-intestatura "It-tieni grupp":

"— anatomija patoloġika

— newroloġija

— psikjatrija".

L-Artikolu 8

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 75/363/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt "L-ewwel grupp":

— fil-versjoni tal-lingwa Olandiża "chirurgie van harten bloedvaten" hija sostitwita b' "chirurgie van bloedvaten, "

— l-iskrizzjoni li ġejja hija miżjuda:

"— kirurġija maxillo tal-wiċċ (taħriġ mediku bażiku)";

2. taħt "It-tieni grupp":

— "newroloġija", "psikjatrija" u "anatomija patoloġika" huma mħassra,

— ħlief fil-versjoni tal-lingwa Ingliża "mediċina tax-xogħol" tinbidel bi:

— versjoni tal-lingwa Daniża: "arbejdsmedicin"

— versjoni tal-lingwa Ġermaniża: "Arbeitsmedizin"

— versjoni tal-lingwa Griega: "ιατρική της εργασιας"

— versjoni tal-lingwa Spanjola: "medicina del trabajo"

— versjoni tal-lingwa Franċiża: "médecine du travail"

— versjoni tal-lingwa Taljana: "medecina del lavoro"

— versjoni tal-lingwa Olandiża: "arbeidsgeneeskunde"

— versjoni tal-lingwa Portugiża: "medicina do trabalho",

— l-inċiżi li ġejjin jiżdiedu:

"— mediċina nuklejari,

— kirurġija dentali, orali u maxillo tal-wiċċ (taħriġ mediku u dentali bażiku)".

L-Artikolu 9

1. Dawk l-Istati Membri li ħassru d-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva li jirrelataw għall-għoti ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fin-newro-psikjatrija, radjoloġija, kirurġija toraċika, kirurġija vaskulari, kirurġija gastro-enteroloġika, ematoloġija bijoloġika, fisjoterapija jew mediċina tropikali u ħadu l-miżuri li jirrelataw għad-drittijiet akkwistati f'isem iċ-ċittadini tagħhom, għandhom jirrikonoxxu d-dritt taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jibbenefikaw minn dawk l-istess miżuri, sakemm id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali tagħhom fin-newropsikjatrija, fir-radjoloġija, fil-kirurġija toraċika, fil-kirurġija vaskulari, fil-kirurġija gastro-enteroloġika, fl-ematoloġija bijoloġika, fil-fisjoterapija jew fil-mediċina tropikali jissodisfaw il-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti jew fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 75/362/KEE jew fl-Artikoli 2, 3 u 5 tad-Direttiva 75/363/KEE u sakemm id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali msemmija kienu ngħataw qabel id-data li fiha l-Istat Membru li jospita waqaf jagħti dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali fl-ispeċjalizzazzjoni kkonċernata.

2. Id-dati li fihom l-Istati Membri kkonċernati ħassru d-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward tad-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness.

3. L-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 75/362/KEE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 82/76/KEE huma hawnhekk imħassra.

IL-KAPITOLU 2

Emendi li jirrelataw għad-Direttiva 77/452/KEE (ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali)

L-Artikolu 10

L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 77/452/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt "fir-Renju Unit" it-test jinbidel bi:State Registered Nurse or Registered General Nurse;

2. taħt "fil-Greċja" it-test jinbidel bi: "Διπλωματούχος ή πτυχιούχος νοσοκόμος, νοσηλευτής ή νοσηλεύτρια"

L-Artikolu 11

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 77/452/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. (f) "fl-Italja" tinbidel bi:

"(f) *fl-Italja*:

— id- 'diploma di infermiere professionale' mogħtija mill-iskejjel rikonoxxuti mill-Istat;"

2. (i) "fir-Renju Unit" tinbidel bi:

"(i) *fir-Renju Unit:*

— a statement of registration as a Registered General Nurse in Part I of
the register maintained by the United Kingdom Central Council for Nursing, Midwifery and Health Visiting;"

3. (j) "fil-Greċja" tinbidel bi:

"(j) *fil-Greċja:*

— Għal ' Το δίπλωμα Αδελφής Νοσοκόμας της Ανωτέρας Σχολής Αδελφών Νοσοκόμων' (diploma ta' infermiera ġenerali mill-iskola avvanzata ta' l-infermerija ġenerali), ivverifikata mill-Ministeru tas-Servizzi Soċjali jew mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Assistenza Soċjali, jew

— Għal ' Το πτυχίο Νοσοκόμον του Τμήματος Αδελφών Νοσοκόμων των Παραϊατρικών Σχολών των Κέντρων Ανωτέρας Τεχνικής και Επαγγελματικής Εκπαίδευσης' (lawrea fl-infermerija mis-sezzjonijiet ta' l-infermerija ta' l-iskejjel paramediċi fiċ-ċentri avvanzati tat-taħriġ tekniku u professjonali) mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjużi, jew

— Għal ' Το πτυχίο νοσηλευτή ή νοσηλεύτριας των Τεχνολογικών Εκπαιδευτικών Ιδρυμάτων (ΤΕΙ)' (lawrea fl-infermerija mill-istabbilimenti tat-taħriġ teknoloġiku) immexxi mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjużi, jew

— Għal 'Το πτυχίο της Ανωτάτης Νοσηλευτικής της Σχολής Επαγγελμάτων Υγείας, Τμήμα Νοσηλευτικής του Πανεπιστημίου Αθηνών' lawrea fl-infermerija mill-fakultà tax-xjenzi tas-saħħa, is-sezzjoni ta' l-infermerija, l-Università ta' Ateni);"

4. (k) "fi Spanja" tinbidel bi:

"(k) *fi Spanja:*

' Título de Diplomado en Enfermería' (diploma ta' l-università fl-infermerija) mogħtija mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u għax-Xjenza jew mir-rettur ta' università".

L-Artikolu 12

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/452/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

— iż-żewġ paragrafi eżistenti jsiru l-paragrafu 1 u jkun preċedut b' "1."

— il-paragrafu li ġej jiżdied:

"2. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhom tal-kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mhumiex konformi mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet il-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali ngħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/453/KEE, imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva preżenti, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala kwalifiki jew deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva preżenti."

IL-KAPITOLU 3

Emendi li jirrelataw għad-Direttiva 78/686/KEE (ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi formali oħrajn ta' kwalifiki bħala prattikant dentist)

L-Artikolu 13

Fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/686/KEE it-test taħt l-intestatura "— fl-Italja" jinbidel b'dan li ġej:

"— *fl-Italja*:

odontoiatra".

L-Artikolu 14

Fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 78/686/KEE is-subintestatura li ġejja hija miżjuda mal-paragrafu "1. L-Ortodonzja":

"— *fil-Greċja:*

' Τίτλος της Οδοωτιατρικής ειδικότητας της Ορθοδοντικής' (titolu li jiċċertifika l-kompletazzjoni ta' taħriġ speċifiku ortodontiku) mogħti mill-awtorità kompetenti rikonoxxuta għal dak l-iskop."

L-Artikolu 15

Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 78/686/KEE:

"3. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhomtal-kwalifiki formali

fid- dentistrija jew fid-dentistrija speċjalista (orthodontrija jew kirurġija orali) mhumiex konformi mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 5, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala prattikant dentist jew prattikant dentist speċjalista (orthodontrija u kirurġija orali) ingħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 78/687/KEE, imsemmija, kif approprjat, fl-Artikolu 2 jew 4 ta' din id-Direttiva, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala l-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti, kif approprjat, fl-Artikolu 3 jew 5 ta' din id-Direttiva."

IL-KAPITOLU 4

Emendi li jirrelataw għad-Direttivi 78/1026/KEE u 78/1027/KEE (ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju u l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' kirurgi veterinarji)

L-Artikolu 16

It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 78/1026/KEE huwa hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"Meta diploma, ċertifikat jew prova oħra tal-kwalifiki formali kif stabbilita fl-Artikolu 3 ingħataw qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jew ingħataw wara dik id-data iżda wara taħriġ li beda qabel dik d-data, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li ħariġhom li jiddikjara li huma jikkonformaw ma l-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/1027/KEE."

L-Artikolu 17

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 78/1026/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. (j) "fil-Greċja" tinbidel bi:

"(j) *fil-Greċja*:

' Πτυχίο κτηνιατρικής' (diploma ta' kirurgu veterinarju) mill-fakultà tax-xjenzi ġeotekniċi ta' l-Università ta' Aristotlu ta' Saloniki jew l-Iskola tal-mediċina veterinarja ta' l-Università ta' Aristotlu ta' Saloniki;"

2. (k) "fi Spanja" tinbidel bi:

"(k) *fi Spanja*:

' Título de Diplomado en Enfermería' (lawrea universitarja fil-mediċina veterinarja) mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza jew mir-rettur ta' università;".

L-Artikolu 18

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 78/1026/KEE huwa hawnhekk sostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 4

1. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhom tal-kwalifiki formali ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi kollha ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/1027/KEE, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja mogħtija minn dawk l-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 78/1027/KEE jew mogħtija wara dik id-data iżda wara taħriġ li beda qabel dik id-data, akkumpanjati b'ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini kienu ingaġġati effettivament u bil-liġi fl-attivitajiet inkwistjoni għal mill-anqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tagħhom tal-kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju mhumiex konformi mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn tal-kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiċċertifika li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju kienu ngħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 78/1027/KEE, imsemmi fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala kwalifiki jew deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva."

L-Artikolu 19

Il-paragrafu li ġej jiżdied hawnhekk ma' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/1027/KEE:

"5. Bħala miżura transitorja u minkejja l-paragrafu 2, l-Italja, li d-dispożizzjonijiet tagħha stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva pprovdew għal programm ta' taħriġ li ma kkonformawx kompletament ma' dawk preskritti fl-Anness meta d-Direttiva 78/1026/KEE u din id-Direttiva daħlu fis-seħħ, tista' tkompli tapplika dawk id-dispożizzjonijiet għall-persuni li bdew it-taħriġ veterinarju tagħhom mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1984.

Kull Stat Membru li jospita għandu jkun awtorizzat li jeħtieġ mid-detenturi tad-diplomi, iċ-ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala kirurgu veterinarju mogħtijn mill-Italja wara taħriġ li beda qabel l-1 ta' Jannar 1985 li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħrajn tagħhom ta' kwalifiki formali jkunu akkumpanjati b'ċertifikat li jiddikjara li kienu ingaġġati effettivament u bil-liġi fl-attivitajiet ta' kirurgu veterinarju għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħamessnin qabeli-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, sakemm l-imsemmija diploma,

ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali tkun akkumpanjata b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani li jiċċertifika li t-taħriġ ikun *in konformità* kompluta ma' dan l-Artikolu u ma' l-Anness."

L-Artikolu 20

Fl-Anness mad-Direttiva 78/1027/KEE fil-versjoni tal-lingwa Griega taħt "B. Suġġetti speċifiċi" l-ewwel inċiż tal-"Grupp 2: Xjenzi kliniċi" "Χειρουργική" hija hawnhekk sostitwita b' "Μαιευτική".

IL-KAPITOLU 5

Emendi li jirrelataw għad-Direttivi 80/154/KEE u 80/155/KEE (ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala qabla u l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet u l-eżerċizzju tal-professjoni ta' qabla)

L-Artikolu 21

L-Artikolu 1 tad-Direttiva 80/154/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt "fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja" it-test jinbidel bi:

   "Hebamme" jew "Entbindungspfleger";

2. taħt "fil-Reċja" it-test jinbidel bi:

   "Maία" jew "Μαιευτής".

L-Artikolu 22

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/154/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. taħt (a) "fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja" l-ewwel inċiż jinbidel bi:

   "— il-'Zeugnis über die staatliche Prüfung für Hebammen und Entbindungspfleger', mogħti mill-bord ta' kontroll ta' l-Istat";

2. taħt (h) "fl-Olanda" fil-versjonijiet kollha tal-lingwi barra l-versjoni tal-lingwa Olandiża, "vroedvrouwdiploma" hija sostitwita b' "diploma van verloskundige";

3. (i) "fir-Renju Unit" jinbidel bi:

   "(i) *fir-Renju Unit*:

   — a statement of registration as a midwife in Part 10 of the Register maintained by the United Kingdom Central Council for Nursing, Midwifery and Health Visiting"

4. (j) "fil-Reċja" tinbidel bi:

   "(j) *fil-Reċja*:

   — il-'Πτυχίο Μαίας ἡ Μαιευτή', awtentikata mill-Ministeru tas-Saħħa u l-*Welfare*,

   — il- 'Πτυχίο Ανωτέρας Σχολής Στελεχών Υγείας και Κοινωνικής Πρόνοιας, Τμήματος Μαιευτικής', mogħti mill-fakultà tas-saħħa u ħaddiema ta' l-assistenza soċjali, is-sezzjoni ta' l-ostetriċja, taċ-ċentri tat-teknika u tal-professjoni avvanzati jew mill-istabbilimenti tat-taħriġ teknoloġiku mmexxija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Affarijiet Reliġjużi;"

5. (k) "fi Spanja" tinbidel bi:

   "(k) *fi Spanja*:

   id-diploma ta' 'matrona' jew 'asistente obstétrico (matrona)' jew 'enfermería obstétrica-ginecológica', mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u x-Xjenza;".

L-Artikolu 23

Il-paragrafu 3 ġdid li ġej jiżdied hawnhekk ma' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 80/154/KEE:

"3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali tagħhom bħala qabla ma jikkonformawx mal-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi bħala prova suffiċjenti d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li d-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali bħala qabla ngħataw wara taħriġ skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/155/KEE, imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva, u huma trattati mill-Istat Membru li tahom bħala l-kwalifiki jew id-deskrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva."

L-Artikolu 24

Il-paragrafi 5 u 6 li ġejjin jiżdiedu hawnhekk ma' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 80/155/KEE:

"5. Xejn f'din id-Direttiva m'għandu jippreġudika xi faċilità li tista' tingħata skond ir-regoli proprji tagħhom mill-Istati Membri fir-rigward tat-territorju proprju tagħhom biex detenturi tad-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali li ma kienux akkwistati fi Stat Membru jkunu awtorizzati jibdew u jwettqu l-attivitajiet ta' qabla.

6. Bħala miżura transitorja u minkejja l-paragrafi 1 u 4, Spanja, li d-dispożizzjonijiet tagħha stabbiliti b'liġi,

b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattivi provduta għal taħriġ li ma kkonformax ma' din id-Direttiva meta d-Direttiva 80/154/KEE u din id-Direttiva daħlu fis-seħħ, tista' tkompli tapplika dawk id-dispożizzjonijiet lil persuni li bdew it-taħriġ speċifiku tal-qwiebel tagħhom mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1985.

Kull Stat Membru li jospita għandu jkun awtoriżżat jeħtieġ li d-detenturi tad-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn tal-kwalifiki formali bħala qabla mogħtija minn Spanja wara taħriġ speċifiku li beda qabel l-1 ta' Jannar 1986 li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħrajna tagħhom tal-kwalifiki formali jkunu akkumpanjati minn ċertifikat li jiddikjara li kienu ingaġġati effettivament u skond il-liġi fl-attivitajiet ta' qabla għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, sakemm l-imsemmija diploma, ċertifikat jew prova oħra tal-kwalifiki formali ma tkunx akkumpanjata b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli li jiddikjara li jiċċertifika taħriġ f'konformità kompleta ma' dan l-Artikolu u ma' l-Anness."

L-Artikolu 25

Fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 80/155/KEE fil-versjoni tal-lingwa Spanjola it-test għandu jinbidel b'li ġej:

"6. llevar a cabo el parto normal cuando se trate de una presentación de vértice, incluyendo, si es necesario, la episiotomía, y, en caso de urgencia, realizar el parto en presentación de nalgas."

L-Artikolu 26

Fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/155/KEE fil-versjoni tal-lingwa Ġermaniża t-test għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"L-Artikolu 8

Spaetestens sechs Jahre nach Bekanntgabe diesel Richtlinie beschließt der Rat auf Vorschlag der Kommission und nach Stellungnahme des Beratenden Ausschusses, ob die Ausnahme nach Teil B Nummer 3 des Anhangs geaendert oder aufgehoben werden soll."

L-Artikolu 27

Il-Parti B ta' l-Anness tad-Direttiva 80/155/KEE għandha tinbidel b'li ġej:

"B. TAĦRIĠ PRATTIKU U KLINIKU

Dan it-taħriġ għandu jingħata taħt sorveljanza approprjata:

1. Pariri lin-nisa tqal, li jinvolvu mill-inqas 100 eżami ta' qabel it-twelid.
2. Issorveljanza u l-kura ta' mill-inqas 40 mara waqt il-ħlas.
3. L-istudent għandu personalment iwettaq mill-inqas 40 ħlas; fejn dan in-numru ma jistax jintlaħaq minħabba n-nuqqas ta' nisa disponibbli fil-ħlas, jista' jitnaqqas għal minimu ta' 30, sakemm l-istudent jieħu seħem attivament f'20 ħlas ieħor.
4. Il-parteċipazzjoni attiva fi ħlasijiet *breech*. Meta dan mhux possibbli minħabba nuqqas ta' ħlasijiet *breech* il-prattika tista' tkun f'sitwazzjoni simulata.
5. It-twettiq ta' episiotomija u inizzjazzjoni f'sutura. L-inizzjazzjoni tinkludi l-istruzzjoni teoretika u l-prattika klinika. Il-prattika tas-sutura tinkludi s-sutura ta' ferita wara episjotomija u tiċrita perineali sempliċi. Din tista' tkun f'sitwazzjoni simulata jekk assolutament neċessarju.
6. Is-Sorveljanza u l-kura ta' 40 mara f'riskju waqt it-tqala, jew il-ħlas jew fil-perjodu wara t-twelid.
7. Is-sorveljanza u kura (inkluż l-eżami) ta' mill-inqas 100 mara wara t-twelid u trabi tat-twelid f'saħħithom.
8. L-osservazzjoni u l-kura ta' trabi tat-twelid li jeħtieġu kura speċjali inklużi dawk li twieldu qabel iż-żmien, wara ż-żmien, b'piż inqas milli suppost jew morda.
9. Il-kura ta' nisa b'kondizzjonijiet patoloġiċi fil-qasam tal-ġinekoloġija u l-ostetriċja.
10. L-inizzjazzjoni fil-kura tal-qasam tal-mediċina u l-kirurġija. L-inizzjazzjoni għandha tinkludi l-istruzzjoni teoretika u l-prattika klinika."

IL-KAPITOLU 6

Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 28

L-Istati Membri għandhom jieħdu il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-8 ta' Mejju 1991. Għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 29

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

J.-P. SOISSON

L-ANNESS

Dati ta' l-Anness li minnhom xi Stati Membri ħassru d-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva li jikkonċernaw l-għoti tad-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva

IL-BELĠJU		
Il-Kirurġija toraċika	1 ta' Jannar 1983	
Il-Kirurġija vaskulari	1 ta' Jannar 1983	
In-Newro-psikjatrija	1 ta' Awwissu 1987,	ħlief għall-persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data
Il-Kirurġija gastro-enteroloġika	1 ta' Jannar 1983	
ID-DANIMARKA		
L-Ematoloġija bijoloġika Il-Fisjoterapija	1 ta' Jannar 1983,	ħlief għall-persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data u kkompletawh sa l-aħħar ta' l-1988
Il-Mediċina tropikali	1 ta' Awwissu 1987,	ħlief għall-persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data
FRANZA		
Ir-Radjoloġija	3 ta' Diċembru 1971	
In-Newropsikjatrija	31 ta' Diċembru 1971	
IL-LUSSEMBURGU		
Ir-Radjoloġija In-Newropsikjatrija		Id-diplomi, iċ-ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali m'għadhomx jingħataw fir-rigward ta' taħriġ li beda wara l-5 ta' Marzu 1982
L-OLANDA		
Ir-Radjoloġija	8 ta' Lulju 1984	
In-Newropsikjatrija	9 ta' Lulju 1984	